**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR NATASHA GALEA SCIBERRAS**

**Kawża Numru: 78/2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Pulis)**

**vs**

**Angelus Vella**
**(ID 0573953M)**

**Illum, 31 ta' Mejju 2021**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' l-imputat **Angelus Vella**, iben Anthony u Marianne nee` Xuereb, imwieled Tarxien nhar it-13 ta' Awwissu 1953 u residenti Block 7, Flat 14, Triq l-Inkurunazzjoni, Bormla, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 0573953(M);

Akkużat talli fit-22 ta' Marzu 2016 u fix-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gżejjer:

1. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga **herojina** speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-

disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, **liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu**;

2. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga **kokajina** speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga **herojina** speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Naqas milli jħares xi waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dr Saviour Demicoli LL.D. fid-digriet tagħha tal-24 ta' April 2009, li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt depożitu u garanzija personali.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita skont il-liġi, tirrevoka *contrario imperio* id-digriet tal-ħelsien mill-arrest tal-imsemmi Angelus Vella mogħti nhar l-24 ta' April 2009 mill-Maġistrat Dr Saviour Demicoli LL.D. u tordna r-ri-arrest mill-ġdid tal-imsemmi imputat, kif ukoll tordna li s-somma imposta fuqu bħala depożitu u garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex titratta mal-imputat bħala li huwa reċidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'sentenzi li saru definittivi u li ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet ulterjorment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali tal-24 ta' Marzu 2016, ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex dan il-każ jinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[1];

Rat illi waqt l-eżami tiegħu skont il-liġi, l-imputat Angelus Vella wieġeb li mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu[2];

Rat illi permezz tad-digriet tagħha tad-19 ta' Awissu 2020, il-Qorti ċaħdet it-talba tal-imputat sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga, ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u ordnat il-prosegwiment tal-kawża[3];

Rat illi fis-seduta tal-24 ta' Marzu 2021, u ċioe` kważi erba' snin wara li l-kawża tħalliet għall-provi tad-difiża, l-imputat irreġistra ammissjoni għall-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet

[1] Ara Dok KP1, a fol. 6 tal-proċess.
[2] Ara a fol.14 tal-proċess.
[3] A fol. 181 tal-proċess.

ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, avżatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed biex jerġa' jikkonsidra t-tweġiba tiegħu u jerġa' lura minnha;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruħha għall-provi prodotti, kif ukoll it-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat għall-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, il-Qorti ma tistax ħlief issibu ħati ta' dawn l-istess imputazzjonijiet.

L-imputat għalhekk qiegħed jikkontesta r-raba' imputazzjoni, kif ukoll l-addebitu tar-reċidiva ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.

Illi permezz tar-raba' imputazzjoni, huwa qed jiġi akkużat talli naqas milli jħares xi waħda jew iktar mill-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet għall-ħelsien mill-arrest mogħti minn din il-Qorti, kif preseduta mill-kompjant Maġistrat Dr. Saviour Demicoli, nhar l-24 ta' April 2009.

Illi f'dan ir-rigward il-Prosekuzzjoni ressqet bħala xhud lis-Supretendent Dennis Theuma li, fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2016, esebixxa Dok. DT li huwa jiddeskrivi bħala *"vera kopja tal-bail conditions li hemm referenza għalihom fic-charge sheet tal-kawża odjerna"*.[4] Kif jirriżulta mix-xhieda tal-istess Supretendent Theuma u minn Dok. DT inniffsu[5], id-data li fih ingħata d-digriet esebit hija dik tat-18 ta' Lulju 2005. Evidentement din mhijiex id-data li ssir referenza għaliha fir-raba' imputazzjoni. Id-digriet datat 24 ta' April 2009 baqa' ma ġiex esebit mill-Prosekuzzjoni.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi din l-imputazzjoni ma ġietx sodisfaċentement ippruvata.

---

[4] Ara din ix-xhieda a fol. 100 u 101 tal-proċess.
[5] Esebit a fol. 102 tal-proċess.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi għal finijiet tal-addebitu tar-reċidiva, il-Qorti tosserva illi l-Prosekuzzjoni baqgħet ma esebiet l-ebda sentenza mogħtija fil-konfront tal-imputat, li bis-saħħa tagħha jirriżulta illi l-imputat huwa reċidiv. Fil-fatt l-unika sentenza esebita fl-atti ta' dawn il-proċeduri hija dik fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Mark A. Mercieca) vs Angelus Vella' mogħtija minn din il-Qorti kif diversement preseduta fid-9 ta' Jannar 2020, u li permezz tagħha l-imputat instab ħati ta' traffikar tad-droga kokajina u tar-raża tal-*cannabis*, tal-pussess tal-kokajina, u talli naqas milli jħares il-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest, imposti fuqu kemm minn din il-Qorti kif preseduta f'dawn il-proċeduri, kif ukoll fi proċeduri separati minn din il-Qorti kif diversament preseduta. Din is-sentenza ma ġietx esebita mill-Prosekuzzjoni, iżda ġiet inserita fl-atti ta' dawn il-proċeduri in vista tas-sejbien ta' ħtija tal-istess imputat fir-rigward tal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest li ġew imposti fuqu minn din il-Qorti f'dawn il-proċeduri b'digriet tas-17 ta' Ġunju 2016. Evidentement ir-reati li l-imputat ġie misjub ħati tagħhom permezz tas-sentenza msemmija huma reati li seħħew f'Jannar tas-sena 2020, u għalhekk <u>wara</u> d-data li għalihom jirreferu l-imputazzjonijiet odjerni.

Kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs Paul Abela**</u> tal-10 ta' Settembru 2004:

> "Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva."

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi dan l-addebitu ma ġiex sodisfaċentement ippruvat.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi għall-fini ta' piena dwar l-ewwel, it-tieni, u t-tielet imputazzjonijiet il-Qorti tqis illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi fil-jum in kwistjoni ossia fit-22 ta' Marzu 2016, l-imputat odjern ġie mwaqqaf minn **PC 760 Christopher Saliba** u **PS 891 Oscar Baldacchino** hekk kif ġie nnutat dieħel fil-vettura tiegħu ġewwa Triq l-Imdina, Ħal

Qormi, wara li kien għadu kif għamel kuntatt ma' vettura oħra, u fil-pussess tiegħu nstabu żewġ boroż bi trab kannella suspettat eroina, borża żgħira b'sustanza suspettata kokaina, kif ukoll diversi oġġetti relatati mad-droga fosthom miżien elettroniku, boroż tal-plastik mingħajr kantunieri, passatur, *foil*, mgħarfa u *straw*.[6]

Mir-relazzjoni tal-espert **ix-Xjenzat Godwin Sammut**, maħtur minn din il-Qorti sabiex janalizza s-sustanza u l-oġġetti esebiti minn PS 891 Oscar Baldacchino u ndikati fil-verbal tas-seduta tat-8 ta' April 2016[7], jirriżulta illi l-istess espert ngħata s-segwenti dokument għall-analiżi tiegħu:

*Envelope* kannella immarkat **S/B/159/2016** li fih:

1) *Evidence bag* bin-numru **S00828801** li fih: i) **2 boroż tal-plastik trasparenti li fihom trab ta' lewn kannella u ii) biċċa plastik trasparenti li fiha sustanza bajda**;

2) *Evidence bag* bin-numru **M00113048** li fih: **i) *mobile* ii) ċwievet u iii) miżien**;

3) *Evidence bag* bin-numru **M00113071** li fih: **i) *aluminium foil* irromblat ii) mus iii) *straw* iv) magħrfa u v) passatur**;

4) *Evidence bag* bin-numru S00921927 li fih **kantunieri ta' boroż vojta**

5) *Evidence bag* bin-numru M00110307 li fih: **i) *Flame Club High Quality Lighter Gas* ii) kontenitur tal-plastik ta' lewn abjad bil-kliem *Sodio Bicarbonato* li fih trab ta' lewn abjad u iii) flixkun tal-ħġieġ bil-kliem *Sinecod Butamirate citrate* li fih xi likwidu u iv) flixkun tal-plastik b'tapp ta' lewn blu li fih xi likwidu**.

L-espert ikkonkluda hekk dwar l-istess dokument:

a) Illi fuq estratti meħuda mit-trab ta' lewn kannella nstabet is-sustanza <u>Eroina</u>. Il-piż totali tat-trab kien ta' <u>9.81 grammi</u> u l-purita` kienet ta' <u>22%</u>. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

---

[6] Ara x-xhieda ta' PC 760 Christopher Saliba, a fol. 16 sa 18 tal-proċess u x-xhieda ta' PS 891 Oscar Baldacchino, a fol. 31 sa 35 tal-proċess.

[7] Ara dan il-verbal a fol. 30 tal-proċess.

b) Illi fuq estratti meħuda mis-sustanza ta' lewn bajda fl-istess dokument instabet is-sustanza kokaina. Il-piż totali tas-sustanza kien ta' 0.18 grammi. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

c) Illi fuq *swab* meħuda minn fuq l-imgħarfa nstabet is-sustanza kokaina.[8]

Illi għall-fini ta' piena, il-Qorti qed tqis ukoll il-fedina penali refrattarja tal-istess imputat, li tinkludi fost oħrajn sejbien ta' ħtija dwar serq aggravat ta' kurrent elettriku, riċettazzjoni f'iżjed minn okkażjoni waħda, pussess tar-raża tal-*cannabis* u pussess tad-droga kokaina f'iżjed minn okkażjoni waħda, reati bi ksur tal-Kap. 65 u tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, falsifikazzjoni, traffikar tad-droga kokaina u tar-raża tal-*cannabis*, u ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest. Tqis ukoll mill-banda l-oħra illi kemm ilu l-ħabs, salv għall-ewwel kampjun tal-urina li tteħidlu hekk kif daħal, l-istess imputat dejjem irriżulta fin-negattiv għat-teħid tad-droga u li l-imġieba tiegħu fil-ħabs dejjem kienet waħda tajba.

Tqis ukoll illi l-ammissjoni tal-imputat f'dawn il-proċeduri ċertament li ma kinitx waħda bikrija u li d-dewmien f'dawn il-proċeduri kien imputabbli lill-istess imputat. Tqis in oltre in-natura serja tar-reat ikkontemplat fl-ewwel imputazzjoni.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 17(f) u (h) tal-Kodiċi Kriminali, qed issib lill-imputat **Angelus Vella** mhux ħati tar-raba' imputazzjoni u tal-addebitu tar-reċidiva u qegħda tilliberah minnhom, fil-waqt illi fuq ammissjoni, qed issibu ħati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' disa' (9) xhur priġunerija effettiva – mil-liema għandu jitnaqqas iż-żmien li l-imputat inżamm taħt arrest preventiv biss in konnessjoni ma' dan il-każ - u multa ta' elf ewro (€1,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

[8] Ara din ir-relazzjoni a fol. 48 *et seq* tal-proċess.

In oltre ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjez konnessi mal-ħatra tal-esperti fil-mori ta' dawn il-proċeduri, u ċioe` l-ispejjez konnessi mal-ħatra tax-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti ghas-somma ta' mitejn, erbgħa u għoxrin ewro u għoxrin ċenteżmu (€224.20) u l-ispejjez konnessi mal-ħatra tal-espert il-Psikologa Forensika Dr. Roberta Holland, ammontanti għas-somma ta' erba' mija, tmienja u sittin ewro u tmien ċenteżmi (€468.08).[9] Dawn l-ispejjeż, ammontanti b'kollox ghas-somma ta' sitt mija, tnejn u disgħin ewro, u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€692.28), għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien sena mil-lum.

Tordna r-rilaxx tal-*mobile phone* u tas-*sim card* formanti parti minn Dokument OB favur il-ħati.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita bħala Dokument OB3, il-miżien elettroniku formanti parti minn Dokument OB, u l-oġġetti kollha esebiti bħala Dokument OB1, Dokument OB2 u Dokument OB4, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat

[9] Il-Qorti m'hijiex tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-espert Dr. Martin Bajada stante illi mir-relazzjoni tiegħu ma jirriżulta xejn li a bażi tiegħu l-imputat seta' jinstab ħati.